MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Citazzjoni Numru. 1211/2007

**Repro House Co. Ltd.**
**Vs**
**1) John Bernard Caulfield, u**
**2) Malta Music Festival Ltd (C42077) u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2008 l-Avukat Dr Martin Fenech u il-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw is-socjeta konvenuta Malta Music Festival Ltd**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mis-socjeta' attrici fid-19 ta' Novembru, 2007, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi Frank Galea (I.D. 500247(M)) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta attrici, debitament awtorizzat, jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment:

1. Illi s-socjeta attrici hija kreditrici fil-konfront tal-konvenuti fl-ammont ta' erbatax il-elf mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm14,237.21) [€33,163.78] rapprezentanti bilanc fuq servizzi ta' disinji, reklamar, stampar, rubber stamps u billboards resi lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha in konnessjoni ma' avvenimenti organizzati mill-istess socjeta' konvenuta hawn Malta, u dana kif jirrizulta mill-anness statement Dok. A.;
2. Illi meta s-socjeta konvenuta giet biex tippjazza l-ordinjiet mas-socjeta attrici, infetah account mas-socjeta attrici u l-konvenut l-iehor John Bernard Caulfield - li huwa direttur tas-socjeta konvenuta - personalment assuma responsabilita in solidum mas-socjeta konvenuta minnu rapprezentata ghall-hlas fil-konfront tas-socjeta' attrici u dana kif jirrizulta mill-anness Dok. B;
3. Illi ghalkemm saru xi pagamenti mis-socjeta konvenuta, sallum pero ghadu dovut il-bilanc fuq indikat;
4. Illi jirrizulta lis-socjeta attrici li d-diretturi tas-socjeta konvenuta, inkluz il-konvenut John Bernard Caulfield telqu minn Malta u irritornaw lura fir-Renju Unit;
5. Illi l-konvenuti qatt ma qajmu oggezzjoni dwar il-korrettezza tal-ammont pretiz mis-socjeta attrici;
6. Illi ghalkemm interpellati biex ihallsu dan il-kreditu li huwa cert, likwidu, u dovut, il-konvenuti baqghu ma ssaldawx il-bilanc fuq imsemmi;
7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

RAGUNI TAT-TALBA

Illi s-socjeta attrici rrendiet diversi servizzi lis-socjeta konvenuta in konnessjoni ma' attivita li kienet qed torganizza l-istess socjeta konvenuta recentement hawn Malta, liema servizzi principalment kienu jikkonsistu f'disinji, reklamar, stampar, rubber stamps u billboards;

Illi l-konvenut l-iehor John Bernard Caulfield, li huwa direttur tas-socjeta konvenuta, permezz ta' l-anness Dok. B, obbliga ruhu in solidum ma' l-istess socjeta minnu rapprezentata fil-konfront tas-socjeta attrici ghal hlas ta' kwalsijasi ammont dovut mill-istess socjeta konvenuta lis-socjeta attrici;

Illi sallum il-konvenuti huma debituri fil-konfront tas-socjeta attrici fl-ammont ta' erbatax il-elf mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm14,237.21) [€33,163.78] rapprezentanti bilanc ta' prezz fuq is-servizzi fuq indikati;

Illi dan il-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu, u dovut kif jirrizulta wkoll mid-dikjarazzjoni guramentata hawn annessa u markata Dok. C;

TALBIET

Ghalhekk talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) in vista tad-dikjarazzjoni guramentata annessa Dok. C;
2. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbatax il-elf mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm14,237.21) [€33,163.78] dovuta kif fuq intqal;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1646/2007 ipprezentat fil-5 ta' Novembru 2007, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-prezentata ta' l-imsemmi mandat sad-data tal-effettiv pagament;

Rat l-affidavit tas-socjeta’ attrici u d-dokumenti l-ohra;

Rat li l-konvenut John Bernard Caulfield debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa’ kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjah tlett darbiet lanqas ma deher;

Rat li l-kuratur deputat Dr Martin Fenech deher fis-seduta tal-lum u irrimetta ruhu.

Semghet lil Frank Galea in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici jikkonferma bil-gurament tieghu illi s-socjeta’ attrici

ma thallset xejn minn l-ammont dovut minn meta gietipprezentata l-kawza sal-lum;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talba kif dedotta fir-rikors guramentat tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, ai termini ta' l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fir-rikors guramentat, u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici is-somma ta' erbatax il-elf mitejn u sebgha u tletin lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (Lm14,237.21) ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf mija u tlieta u sittin Euro u tmienja u sebghin Euro centezmu [€33,163.78] dovuta kif inghad; bl-imghax legali kif dedotti u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------